MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2012

Numru 10/2011

**Fl-Atti tad-denunzja tal-Probation Officer Maria Mifsud fil-konfront ta’ Frankie Bugeja**

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Frankie Bugeja**

Il-Qorti,

Rat id-denunzja;

Semghet lil Probation Officer Maria Mifsud;

Rat illi fil-mori tas-smiegh tad-denunzja id-denunzjat qed igib ruhu sew, jikkoopera mal-Probation Officer u ghandu rapporti enkoragganti mill-Agenzija Sedqa;

Ghalhekk, mhux il-kaz li dan il-progess jigi disturbat b’mizuri li jistghu jinvolvu perjodu l-habs u minflok tikkonferma l-ordni ta’ probation bil-perjodu li ghandu jiskadi fit-8 ta’ Novembru 2013.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------